

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1800**tal-11 ta' Ottubru 2016****li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma' skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-25 ta' Novembru 2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 109a(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 111(1)(n) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAIs — External Credit Assessment Institutions) ma' skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu għall-finijiet tal-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza (l-"allokazzjoni") trid tkun konsistenti mal-użu tal-valutazzjonijiet tal-kreditu esterni mill-ECAIs fil-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1799 ⁽³⁾ jistabbilixxi l-metodoloġija tal-immappjar għall-użu ta' valutazzjonijiet tal-kreditu esterni mill-ECAIs fil-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari r-regoli dwar kif isiru l-valutazzjonijiet rilevanti tal-kreditu skont is-sitt klassijiet tal-mertu tal-kreditu stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- (3) Għall-finijiet tal-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, l-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 ⁽⁴⁾ jipprovdi li l-allokazzjoni hija suġġetta għal sistema ta' seba' klassijiet tal-mertu tal-kreditu b'kuntrast mas-sitt klassijiet tal-mertu tal-kreditu stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u użati fil-metodoloġija tal-immappjar għal istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji.
- (4) Sabiex tinkiseb il-konsistenza meħtieġa skont l-Artikolu 111(1)(n) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-allokazzjoni hija bbażata fuq il-metodoloġija tal-immappjar għal istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji soġġetti għal alterazzjoni, fejn adatt, waqt li jkun ikkunsidrat il-klassi addizzjonali stabbilita fis-sistema tal-mertu tal-kreditu rilevanti għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.
- (5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi arranġament ta' allokazzjoni, li jikkunsidra l-fatturi kwantitattivi u kwalitattivi. Jeħtieġ li jiġi evitat li jkun ikkawżat żvantaġġ materjali mhux dovut fuq dawk l-ECAIs li, minħabba d-dħul aktar riċenti tagħhom fis-suq, għandhom informazzjoni kwantitattiva limitata, bl-għan li jkun ibbilanċjat it-tħassib prudenzjali ma' dak tas-suq. Għalhekk, fejn ma tantx hemm informazzjoni kwantitattiva, ir-rilevanza tal-fatturi kwantitattivi għad-derivazzjoni tal-immappjar għandha tkun imħaffa. Aġġornamenti għall-immappjar għandhom isiru kull meta dan isir meħtieġ biex tkun riflessal-informazzjoni kwantitattiva miġbura wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 335, 17.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠUL 176, 27.6.2013, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1799 tas-7 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-immappjar tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu għar-riskju ta' kreditu skont l-Artikoli 136(1) u 136(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ara l-paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠUL 12, 17.1.2015, p. 1).

- (6) L-arranġamenti ta' allokkazzjoni japplikaw għal valutazzjonijiet tal-kreditu ta' ECAIs, li huma l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li huma rreġistrati jew iċċertifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ jew banek ċentrali li joħorġu klassifikazzjonijiet tal-kreditu li huma eżenti mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll għall-valutazzjonijiet tal-kreditu endorsjati minn ECAI skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009.
- (7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ESAs — European Supervisory Authorities) (l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) lill-Kummissjoni.
- (8) Fid-29 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Kumitat Konġunt tal-ESA bl-intenzjoni tagħha li tendersja l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni bl-emendi sabiex jiġi żgurat bilanċ bejn approċċ prudenzjali solidu u l-ħtieġa li tkun evitata konċentrazzjoni ulterjuri² tal-klassifikazzjoni tal-kreditu diġà kkonċentrat ħafna dominat minn tliet ECAIs kbar b'sehem tas-suq kombinat ta' madwar 90 %. Fin-notifika tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat b'mod partikolari l-ħtieġa li tkun evitata l-applikazzjoni awtomatika wara tliet snin ta' mmappjar aktar konservattiv għall-ECAIs kollha li ma jipproduċux klassifikazzjonijiet biżżejjed u irrISPettivament mill-kwalità tal-klassifikazzjonijiet tagħhom, peress li dan l-approċċ jirriskja li joħloq ostaklu regolatorju għaddħul fis-suq u jfixkel il-pożizzjoni kompetittiva ta' ECAIs iżgħar/aktar ġodda sempliċiment minħabba li ma jipproduċux klassifikazzjonijiet daqs kumpaniji kbar stabbiliti. Fl-opinjoni formali tiegħu tat-12 ta' Mejju 2016, il-Kumitat konġunt tal-ESMA kkonferma l-pożizzjoni inizjali tiegħu u ma reġax ippreżentat standards tekniċi ta' implimentazzjoni emendati b'mod konformi mal-emendi proposti tal-Kummissjoni.
- (9) Sabiex jiġi żgurat bilanċ bejn approċċ prudenzjali solidu u l-kompetizzjoni fis-suq tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għandu jiġi emendat fir-rigward ta' dispożizzjonijiet li jistgħu jikkawżaw żvantaġġ materjali żejjed għall-ECAIs iżgħar/aktar ġodda minħabba d-dħul aktar riċenti tagħhom fis-suq, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' trattament aktar konservattiv f'każ ta' dejta limitata, id-dħul fis-seħħ awtomatiku ta' mmappjar ġdid mill-2019, id-dispożizzjoni li tikkonċerna r-rieżami tal-immappjar u tat-tabelli tal-immappjar applikabbli mill-2019.
- (10) L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej wettqu konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzaw il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbu l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, u tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u tas-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-allokkazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu għal skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu għandha tkun dik stabbilita fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ottubru 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

L-allokkazzjoni tal-valutazzjoni tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu fi skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu

Skala tal-kwalità kreditizja	0	1	2	3	4	5	6
<i>AM Best Europe-Rating Services Ltd.</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil	aaa	aa+, aa, aa-	a+, a, a-	bbb+, bbb, bbb-	bb+, bb, bb-	b+, b, b-	ccc+, ccc, ccc-, cc, c, rs
Skala tal-klassifikazzjonijiet tad-dejn fuq terminu ta' żmien twil	aaa	aa+, aa, aa-	a+, a, a-	bbb+, bbb, bbb-	bb+, bb, bb-	b+, b, b-	ccc+, ccc, ccc-, cc, c, d
Skala tal-klassifikazzjoni tas-solidità finanzjarja		A++, A+	A, A-	B++, B+	B, B-	C++, C+	C, C-, D, E, F, S
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir		AMB-1+	AMB-1-	AMB-2, AMB-3	AMB- 4		
<i>ARC Ratings S.A.</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien medju u twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien medju u twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
<i>ASSEKURATA Assekuranz Rating-Agentur GmbH</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC/C, D
Skala tal-klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu ta' żmien qasir		A++	A		B, C, D		
<i>Axesor SA</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni globali	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D, E
<i>BCRA — Credit Rating Agency AD</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-banek fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-assigurazzjoni fuq terminu ta' żmien twil	iAAA	iAA	iA	iBBB	iBB	iB	iĊ, iD
Skala tal-klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni muniċipali fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D

Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-banek fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
Skala tal-klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
Skala tal-klassifikazzjoni muniċipali fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
<i>Banque de France</i>							
Skala globali tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil		3++	3+, 3	4+	4, 5+	5, 6	7, 8, 9, P
<i>Capital Intelligence</i>							
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	C, RS, SD, D
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
<i>Cerved Rating Agency S.p.A.</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu ta' żmien twil	A1.1	A1.2, A1.3	A2.1, A2.2, A3.1	B1.1, B1.2	B2.1, B2.2	C1.1	C1.2, C2.1
<i>Creditreform Ratings AG</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	C, D
<i>CRIF S.p.A.</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, D1, D2
<i>Dagong Europe Credit Rating</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien qasir		A-1		A-2, A-3	B, C, D		

<i>DBRS Ratings Limited</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-obbligi fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-karta kummerċjali u tad-dejn fuq perjodu ta' żmien qasir		R-1 H, R-1 M	R-1 L	R-2, R-3	R-4, R-5, D		
Skala tal-klassifikazzjoni tal-abilità ta' pagament ta' pretensjonijiet		IC-1	IC-2	IC-3	IC-4	IC-5	D
<i>European Rating Agency</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil			AAA, AA, A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir			S1	S2	S3, S4, NS		
<i>EuroRating Sp. z o.o.</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
<i>Euler Hermes Rating</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, SD, D
<i>Feri EuroRating Services AG</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni ta' FERI EuroRating	AAA	AA	A		BBB, BB	B	CCC, CC, D
<i>Fitch France S.A.S., Fitch Deutschland GmbH, Fitch Italia S.p.A., Fitch Polska S.A., Fitch Ratings España S.A.U., Fitch Ratings Limited UK, Fitch Ratings CIS Limited</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, RD, D
Obbligi korporattivi ta' finanzjament — Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-IFS fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir		F1+	F1	F2, F3	B, C, RD, D		
Skala tal-klassifikazzjoni tal-IFS fuq terminu ta' żmien qasir		F1+	F1	F2, F3	B, C		
<i>GBB-Rating Gesellschaft für Bonitätsbeurteilung GmbH</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA		A, BBB	BB	B	CCC, CC, C, D

ICAP Group S.A							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil			AA, A	BB, B	C, D	E, F	G, H
Japan Credit Rating Agency Ltd							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, LD, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir		J-1+	J-1	J-2	J-3, NJ, LD, D		
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir		J-1+	J-1	J-2	J-3, NJ, D		
Kroll Bond Rating Agency							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien qasir		K1+	K1	K2, K3	B, C, D		
Moody's Investors Service Cyprus Ltd, Moody's France S.A.S., Moody's Deutschland GmbH, Moody's Italia S.r.l., Moody's Investors Service España S.A., Moody's Investors Service Ltd							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	Aaa	Aa	A	Baa	Ba	B	Caa, Ca, C
Skala tal-klassifikazzjoni tal-fondi tal-bonds	Aaa-bf	Aa-bf	A-bf	Baa-bf	Ba-bf	B-bf	Caa-bf, Ca-bf, C-bf
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir		P-1	P-2	P-3	NP		
Standard & Poor's Credit Market Services France S.A.S., Standard & Poor's Credit Market Services Italy S.r.l., Standard & Poor's Credit Market Services Europe Limited							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, R, SD/D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tas-solidità finanzjarja tal-assiguratur	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, SD/D, R
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tal-fondi	AAAf	AAf	Af	BBBf	BBf	Bf	CCCf
Skala tal-klassifikazzjoni għall-evalwazzjoni ta' nofs is-suq			MM1	MM2	MM3, MM4	MM5, MM6	MM7, MM8, MMD
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, R, SD/D		
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		

<i>Scope Rating</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir		S-1+	S-1	S-2	S-3, S-4		
<i>Spread Research</i>							
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
<i>The Economist Intelligence Unit Ltd</i>							
Skala gradwatorja tal-klassifikazzjoni sovrana	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D